TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 55/15-F

**Ruth Vella**

**vs**

**Transmed Limited**

Illum 22 t'Ottubru, 2015

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Marzu, 2015 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' mitejn ewro (€200), rappreżentanti ħmieġ li waqa' fuq il-vettura tar-rikorrenti meta l-vettura tagħha kienet ġol-car park u kien qed isir riparazzjoni fuq il-pajpijiet tad-drenaġġ.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u àttendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li huwa rappreżentant tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet ipparkjat il-vettura tagħha ġewwa Tigné Point car park u meta ġiet lura rat lil xi ħadd jaħdem fuq il-pajpijiet tad-drenaġġ u l-vettura tagħha kienet mimlija drenaġġ, bil-konsegwenza li l-materjal kien qed jaqa' ġewwa barmil illi kkawża ħafna titjir fuq il-vettura u ż-żebgħa ta' fuq il-karozza ġarrbet ħsara u baqgħet bit-tikek fuqha. Illi sabiex neħħiet dawn it-tikek ħallset mitejn ewro (€200).

Ir-rappreżentant tad-ditta ntimata issottometta illi fil-parking hemm sinjali ċari li jgħidu "Parking is at your own risk", illi ammettew li qabdu lil xi ħadd sabiex isewwi l-pajpijiet tad-drenaġġ għax kien hemm xi *leakage* u li kienu għamlu t-tape fl-area fejn kellhom isiru t-tiswijiet biex ma jkunx hemm karozzi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, qed jemmen il-verżjoni tar-rikorrenti stante għall-fatt illi vera kien hemm din il-ħsara fuq il-vettura., u mhux qed jemmen il-verżjoni ta' min kien qed jaħdem fuq il-post. Illi hija inaċċettabbli li tmur tipparkja l-vettura tiegħek ġo post u tispiċċa kollha ħmieġ tad-drenaġġ, u mhux qed jaċċetta l-fatt illi "Parking is at your own risk" għaliex din kienet negliġenza *da parte* tal-persuna li ħadem ix-xogħol fejn seta' jevita dawn l-affarijiet.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' mitejn ewro (€200), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**